# SANTA LIENA
## Min kienet?

Meta taħseb fuq Santa Liena jiġuk f'moħħok bosta mistoqsijiet. Għaliex il-figura maestuża tagħha, skolpita fl-injam, tpoġġiet f'post hekk importanti taħt il-koppla tal-Bernini fil-Vatikan? Għaliex din il-bniedma hi meqjuma f'bosta postijiet fid-dinja bħall-Ingilterra, Turkija, Ruma, Palestina u dan sa minn żminijiet imbegħda? Għaliex il-gżira fejn għadda l-aħħar snin ta' ħajtu Napuljun il-kbir tissejjaħ b'dan l-isem? X'raġuni hemm li waħda mill-eqdem parroċċi ta' Malta sa minn qabel l-1402 kienet iddedikata lilha? Għaliex il-Papa Urbanu VIII fl-1630 waqqaf l-ewwel Kolleġġjata fil-gżejjer Maltin, ad unur ta' Santa Liena? Forsi nkun qed niżbalja meta nqis il-kapolavur ta' l-iskultur Bormliż Salvu Psaila u l-istatwa maħduma fl-injam ta' l-arżnu fl-1837? Forsi ta' xejn il-fatt li x-xbiha tagħha impittra fuq it-tila tinsab meqjuma fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, Valletta, u fil-parroċċa tal-Mellieħa, biex ma nsemmix il-bosta statwi tal-ġebel f'niċeċ fil-ħitan u fuq il-bjut, mhux biss ta' Birkirkara, iżda ta' postijiet oħra wkoll? Forsi għalxejn li bosta nies ħadu dan l-isem, biex bih jissejħu? Hu barra minn loku li bosta familji huma kburin bi statwi replika ta' l-istatwa ta' Psaila? Għaliex, jekk bogħod minn art twelidhom, bosta emigranti Karkariżi ġarrew magħhom ix-xbiha tagħha u b'nostalġija jiftakru f'jum iċ-celebrazzjoni tal-festa tagħha f'Birkirkara? Min kienet din il-mara meqjuma fil-Lvant u fil-Punent, li għaliha ssemmiet il-belt ta' Elenopolis?

**L-isem ta' Elena**

Dan l-isem mill-Grieg "helios" ifisser xemx, mnejn joħorġu dawl sħana u dawl li jġib il-ferħ. Fil-mitoloġija Griega, Elena kienet l-isbaħ fost in-nisa ta' żmienha. Hi kienet bint Zeus u għalhekk ta' nisel l-allat. Hi kienet l-eroina ta' Troja. Iżda mhux lil Elena tal-leġġenda u tal-poeżija pagana li nsibu mibnija fuq il-fantasiji u l-ħolm tal-poeti aħna rridu nkunu nafu aktar dwarha. Elena li dwarha qed nikteb, hi dik il-bniedma, li minħabba l-kobor ta' binha, Kostantinu l-Kbir, il-kittieba ta' l-istorja ma tantx tawna dettalji dwarha. Huma kitbu fit-tul dwar Kostantinu. Iżda l-glorja u l-unuri tiegħu, jirriflettu l-kobor ta' dik l-omm li ġabitu fid-dinja u rabbietu.

**Tagħrif dwarha**

Flavia Ġulja Elena twieldet qrib nofs is-seklu III, aktarx fi Drepanum fil-Birinja, provinċja Rumana. Diversi pajjiżi iżda jippretendu li twieldu fihom din il-mara mhix tant komuni. Fosthom tissemma Colchester fl-Ingilterra, il-post fejn Koel kellu l-kwartieri tiegħu. Dwar it-trobbija tagħha ftit li xejn nafu. Mhux magħruf meta Elena saret nisranija, jekk hux fi ċkunitha, inkella aktar tard. Hemm tagħrif iżda li Elena u binha Kostantinu tgħammdu fis-sena 310 w.K. F'żogħżitha Elena żżewġet

lil Kostanzo Kloro. Dan kien uffiċjal imlaħħaq fl-armata. Kien persuna nobbli, billi kien neputi ta' l-Imperatur Klawdju Gotiku. Kien bniedem ta' qalb tajba. L-istorja tfakkar lill-Kostanzo bi kliem l-aktar sabiħ... Ma naħsibx li bniedem ta' dan il-kalibru kien se jagħżel sieħba komuni, biex tkun martu u omm uliedu! Wara sentejn miż-żwieġ tagħhom, qrib is-sena 275 twieled iben, aktarx f'Naissus (parti mill-hekk imsejħa Yugoslavia). Bħal kull tarbija oħra nisslet ferħ kbir fil-familja tagħhom. It-trobbija tiegħu waqgħet f'idejn ommu Elena, minħabba li Kostanzo kellu spiss ikun bogħod mid-dar minħabba esiġenzi tas-servizz militari. Il-kumment ta' l-iskoriku Ewsebju "mara ta' kobor u ta' tifkira qaddisa" tassew joqogħdu lil Elena. Nippreferixxi napplika lilha kliem il-Proverbi (31, 10): "Mara tant tinqala' min isibha? Wisq aktar mill-ġawhar hi tiswa."

**Żmien Elena**

Fi żmienha kienu qed isiru bosta tibdiliet fl-Imperu Ruman li kien jaħkem id-dinja. Kienu s-snin twal ta' persekuzzjoni kontra r-Reliġjon tan-Nazzarenu, li matulhom mietu bosta persuni ta' kull sess u ta' kull età, ta' kull kultura u ta' kull pajjiż. Bosta u bosta sofrew il-martirju, billi b'demmhom issiġillaw twemminhom. Kien hemm ukoll l-ereżiji, li ħabbtu l-Knisja ta' Kristu u ġibdu warajhom bosta segwaċi. Fis-sena 284, laħaq imperatur Dijoklezjanu li deherlu li kellu jġib bidla



*Siltiet mill-pittura tal-Bażilika – San Kostantinu u d-dehra tas-Salib.*



*Santa Liena fis-sejba tas-Salib – pittura tal-Bażilika.*

kbira fl-Imperu. Il-bidla kellha jkollha effett fuq Elena; hi kellha ġġarrab u ddu q il-morr tal-ħajja. Mhux ta' b'xejn l-Imgħallem Divin kien qal li min irid jimxi warajh, kellu jiċħad lilu nnifsu u jerfa' salibu ta' kuljum fuq il-passi tiegħu... Mhux ta' b'xejn anqas li l-Liturġija tqim lil qaddisa Elena bħala dik il-persuna li f'ħajjitha għexet u tat qima lill-misteru tas-Salib. Is-salib tagħha feġġ meta żewġha Kostanzo kellu jwarrabha biex jimxi aktar 'il quddiem fil-karriera militari u jilħaq Ċesri. Dijokleżjanu webblu b'dan l-unur u riedu jiżżewweġ lil Teodora, bint Massimiljanu u dan wara għoxrin sena miż-żwieġ ma' Elena. Dan il-pass Kostanzo għamlu kontra qalbu. L-Imperatur biex ikun żgur mil-lealtà ta' Kostanzo, ġiegħel li ibnu Kostantinu jħalli pajjiżu, bl-iskuża li ser itih taħriġ militari u sejjaħlu biex ikun qrib tiegħu. Trid tkun omm biex tifhem il-kobor ta' dan in-niket taċ-ċaħda u tas-solitudni, u omm tal-kalibru nobbli ta' Elena, dan in-niket ġarrbitu bir-rassenjazzjoni u bis-sabar kollu, sena wara oħra. Kostanzo issa kellu taħt idejh it-tmexxija ta' l-Imperu tal-Punent, waqt li sieħbu Galerju, bniedem ta' qalb harxa, kellu jieħu ħsieb in-naħa tal-Lvant ta' l-Imperu. Galerju żżewweġ lil Valerja, bint Dijokleżjanu.

L-imġieba ta' Kostanzo ma' l-Insara kienet differenti minn dik ta' sieħbu. Hu kien bosta tolleranti magħhom. Kontra l-Insara kien hemm tlett editti: li jinqerdu t-tempji nsara; il-kleru jiġi mwaddab il-ħabs u li l-Insara jaħarqu inċens

lill-allat. Kien hemm ordni oħra li s-suldati kellhom iqimu lill-Imperatur daqs kieku alla.

**Tmiem ta' Kostanzo**

Iben Kostanzo sar jaf li missieru wasal fi tmiem ta' ħajtu. Hu kellu diżappunt kbir minħabba l-persuna li kellha tkun minn floku. Kostanzo xtaq li jkun ibnu, iżda deffsu lil Flavju Severu u Massiminjanu Daia. Galerju għamel ħiltu kollha biex Kostantinu ma jitlaqx lejn York fejn missieru moribond. Iżda hu rnexxielu jaħrab u b'heffa kbira wasal fejn missieru. Kostanzo rrikmanda lil ibnu mal-kapijiet tal-Gvern u ta' l-armata bħala s-suċċessur tiegħu. Dan għamlu qabel mewtu fis-sena 306. Wara li għalaq għajnejh għal din id-dinja, Kostantinu ħa r-riedni f'idejh u ġie pproklamat Imperatur tal-Punent. Skond id-drawwa hu kellu jibgħat lil Galerju xbiha tiegħu nkurunat, ġest li Galerju ma laqax.

Għaddew ħames snin sa ma Kostantinu kellu jitqabad u jirbaħ għadu ieħor Massenzju li kien jaħkem fuq Ruma u l-Afrika ta' Fuq. Kostantinu rebaħ lil Massenzju li spiċċa mgħarraq fix-xmara Tevere wara l-battalja fuq Ponte Milvio fit-28 ta' Ottubru 312. Din ir-rebħa importanti ġrat wara li Kostantino fl-eqqel tal-jum, kien ra s-sinjal tas-Salib fis-sema bil-kliem: "B'dan is-sinjal inti tirbaħ". Sena wara Kostantino ħareġ l-Editt ta' Milan; fih ġie mogħti rikonoxximent lir-Reliġjon Nisranija, biex ma tkun xejn anqas minn reliġjonijiet oħra fl-Imperu. Fis-sena 320, Kostantino rebaħ lil Liċinju, li kien jaħkem fil-Lvant. B'hekk issa Kostantino sar l-Imperatur waħdieni ta' l-Imperu kollu Ruman. Hu għamel f'moħħu li jmur joqgħod f'Bisanzju u bidel isimha f'Kostantinopli. Hawn Kostantinu sejjaħ lill-isqfijiet biex fil-Konċilju. tinkiseb il-għaqda ta' l-Insara, wara li għaddiet minn żmien ikrah minħabba l-ereżija ta' Arju.

**X'ġara minn Elena?**

Meta Kostanzo żewġa telaqha, Elena baqgħet fidila lejn iż-żwieġ tagħha miegħu u għexet tistenna l-ħniena. Binha Kostantinu, meta kiseb tant unur ma nesiex lil ommu. Riedha tkun fejnu; taha t-titlu ta' Imperatriċi, naqqax ix-xbiha tagħha fuq il-muniti u ta' iben li kien ma naqasx li jagħtiha l-unuri kollha li jistħoqqilha. F'wieħed mill-innijiet li nkantaw ad unur tagħha, inselmulha bħala "xempju ħaj ta' l-Ommijiet". Veru li kienet omm u wriet dan bil-fatti. Hi tat sehemha biex trodd lura lill-Insara dak li tteħdilhom bil-forza minħabba twemminhom. Kienet tgħin lill-foqra u l-batuti. Hi ħabirket biex teħles lill-ikkundannati fil-ħabsijiet u fix-xogħol furzat fil-minjieri minħabba twemminhom; sejħet lura lill-eżiljati. S. Ambroġ jikkummenta li Elena tat lil binha wisq aktar milli hi rċeviet minn għandu. Ma rridux anqas ninsew li meta jiem koroh ġew fuq il-familja ta' Kostantinu, ommu tnikktet miegħu. Kbir kien in-niket tagħha meta hu kkundanna għall-mewt lil ibnu Krispu, il-mimmi ta' għajnejn nantu Elena u dan minħabba kalunja li qalgħet dwaru



*Il-Glorja ta' Santa Liena – pittura fil-knisja.*

Fawsta bit-tama li din it-tieni mara tiegħu tlaħħaq lil binha suċċessur ta' Kostantinu. Fawsta wkoll messitha l-istess xorti meta saret magħrufa l-verità. Meta tqis dan kollu, jidher kemm huma flokhom kliem S. Girgor il-Kbir li Elena kebbset il-qlub ta' Ruma bid-dawl tal-Fidi.

**"Ġejt magħżula biex issib, l-għuda mqaddsa tas-Salib"**

Mid-diskors funebri ta' S. Ambroġ fuq il-mewt ta' Teodosju, tirriżulta x-xewqa ħerqana ta' Elena li tinstab l-għuda mqaddsa tas-Salib tal-Feddej. Għalkemm imdaħħla sewwa fl-età, fl-325, hi żaret il-Palestina, l-art li fiha twieled, għex, bata u miet Ġesù. Seta' kien hemm xi riferenza fil-laqgħat informali ta' l-isqfijiet fil-Konċilju fejn kien hemm ukoll S. Makarju Isqof ta' Ġerusalemm. Iżda r-rieda soda ta' Elena biex jinsab is-Salib li fuqu temm ħajtu s-Salvatur tad-dinja wasslitha biex minkejja bosta diffikultajiet jinstab is-Salib ta' Ġesù. Imsaħħa bit-talb, fil-preżenza ta' l-Isqof Makarju sar it-tħaffir fil-post fejn skond it-tradizzjoni rriżulta li kien imsallab Ġesù. Skond id-drawwa kienu jidfnu miegħu dawk l-għodda kollha tat-torturi li bihom il-ħati jkun temm ħajtu. Wara li ġiegħlet li jiġġarraf il-maqdes ta' alla Venere u titneħħa x-xbiha ta' Ġove, dehru s-slaleb u l-għodda kollha tal-Passjoni, fosthom l-imsiemer, it-tabella I.N.R.I. miktuba bil-Lhudi, bil-Grieg u bil-

Latin, is-sindone u l-bqija. Bla dubju kbir kien il-ferħ tagħha meta x-xewqa tagħha twettqet. Elena bniet il-Bażilika ta' l-Anastasis, fejn hemm meqjum sa llum il-qabar ta' Kristu. Hekk ukoll għamlet f'bosta nħawi ta' l-art ta' Ġesù, bħal Betlehem, post li lejh Elena kellha qima ta' l-għaġeb. S. Ambroġ isejħilha "O twajba stalliera" kelma li ġejja minn stalla post fejn twieled Ġesù. Hawn min biex ibaxxi lil Elena jaqleb il-kelma stalliera fil-kelma tixbaħha "lukandiera". Mhux ta' min jistagħġeb għax lil Ġesù wkoll uħud li semgħu tagħlimu tkażaw u qalu: "Wara kollox dan mhux bin Ġużeppi l-mastrudaxxa li kollox nafu dwar ir-razza tiegħu!".

**"Temmejt il-ġirja, żammejt il-Fidi"**

Bħal ma kien qal l-Appostlu tal-Ġnus lill-Isqof Timotju, meta Pawlu ra li wasal tmiem ħajtu, Elena wara ħajja ta' madwar tmenin sena kienet qed tħejji ruħha biex tidher quddiem il-Mulej. Hi marret lura lejn Ruma, ħadet magħha r-Relikwiji prezzjużi tal-Passjoni, fosthom biċċa kbira mis-Salib li jinsab fil-Bażilika ta' Santa Croce in Gerusalemme fil-Belt Eterna. Għamlet l-aħħar twissijiet lill-familjari tagħha u ħalliet din id-dinja mibkija minn kulħadd. Ma nafux b'ċertezza l-post fejn mietet, iżda ġisimha wara mewtha ġie trasportat Ruma u mqiegħed ġo mawsolew apposta fi Triq Labicana.

**Il-Qima lejn il-Qaddisa Elena**

Il-pellegrini li fis-seklu erba' bdew iqimu l-iġsma tal-martri, ma naqsux li huma jitolbu wkoll fuq il-qabar tagħha. Il-qima lejha nxerdet fil-Lvant u fil-Punent. L-insara Griegi jqimuha fil-21 ta' Mejju flimkien ma' binha Kostantinu. Il-Knisja Latina tfakkar isimha fit-18 ta' Awissu. Dan hu l-jum liturġiku tagħha. Sa ftit snin ilu, Birkirkara kienet ta' kull sena tiċċelebra b'solennità kbira din il-festa tagħha f'dan il-jum sakemm il-festa f'dawn l-aħħar snin qed tiġi ċelebrata l-Ħadd ta' wara.

**Il-Pittura tal-Bażilika Elenjana**

Meta fl-ewwel għaxar snin ta' dan is-seklu, il-pittur Ruman Virginio Monti ġie magħżul biex ipitter b'pittura a fresco s-saqaf u l-koppla tat-tempju elenjan, kapolavur fl-istil Barokk, ġie mqabbad it-Teologu Sqalli Kan. Salvatore di Pietro. Hu ppreżenta studju eżawrjenti fuq it-teoloġija tas-Salib. Minħabba l-konnessjoni mal-Qaddisa Elena ma naqasx li jagħmel bosta riferenzi għal ħajjitha. Dan kien studju li serva lil Monti biex joħroġ dawk ix-xeni stupendi li jpoġġu quddiemna misteru hekk profond, konness mas-Salib Imqaddes. Hi xewqa kbira tiegħi li 'l quddiem jiġi ppublikat ktieb illustrat tajjeb u b'mod artistiku, l-argument tal-Kanonku Palermitan. Dan ikun għall-apprezzament u għall-approfondiment tagħna lkoll u xejn anqas ta' wlied il-poplu. "Quod est in votis" kienu jgħidu l-Latini, fis-sens li din hi xewqa li tant nixtiequ narawha mitmuma.

**Ant. Mallia Borg**